MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2011

Talba Numru. 1372/2010

**GO p.l.c. – C 22334**

**vs**

**Simon John Leslie Woodhead**
**I.D. 19014(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici, talbet lill-konvenut l-hlas tas-somma ta' elf, mitejn u tmenin Ewro u tmintax-il centezmu (€1,280.18), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici 'n konnessjoni mas-servizz ta' komunikazzjoni bl-akkont numru *40093875*, u skond diversi kontijiet mibghuta lilhu, u skond id-dokumenti annessi ma l-avviz tat-talba markati bhala:
*IZY 1* prospett ghas-servizz bl-akkont numru *40093875*.
*IZY 2* ftehim dwar is-servizz bl-akkont numru *40093875.*

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' elf, mitejn u tmenin  Ewro u tmintax-il centezmu (€1,280.18), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------